REĠJUN TRAMUNTANA

112, Triq Ġulju, Bugibba,
San Pawl il-Baħar SPB 2617

**Laqgħa Reġjonali Nru. 29 ta' 2026, miżmuma nhar il-Erbgħa, 14 ta' Jannar 2026, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv ta' Reġjun Tramuntana.**

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | | President |
| • Angelo Micallef | Balzan | Viċi President |
| • Paul Vella | Mġarr | Membru |
| • Ċensu Galea | San Pawl il-Baħar | Membru |
| • Stefan Cordina | Ħ'Attard | Membru |
| • Dale Hayman | Imtarfa | Membru |
| • Mark Deguara (18.13hrs) | Naxxar | Delegat |
| • Norbert Dalli | San Ġwann | Delegat |

- Bjorn Bonello — Segretarju Eżekuttiv

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Gabriel Micallef | Mellieħa | Membru |
| • Aiken Zerafa | Mosta | Delegat |

# AĠENDA

1. Ittri ta' Apoloġija
2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru. 28
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President
4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera
5. Aġġornamenti u diskussjoni;
   - 5.1 Riżenja w Ingaġġ ta’ impjegati ġodda
   - 5.2 Diskussjoni u approvazzjoni għat-tibdil u x-xiri ta’ VRF air-conditioning system għall-uffiċċju, kif ukoll għall-xogħlijiet infrastrutturali relatati.
   - 5.3 Punti oħra ta’ diskussjoni;
6. Preżentazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għar-Raba’ kwart tas-Sena 2025.
7. Unaudited Financial Statement 2025
8. Business Plan 2026-2030(Abbozz)
9. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta’ pagamenti
10. Aġġornament

---

Il-laqgħa nfetħet mill-President Clifford Galea fil-17:30 ta’ filgħaxija.

## 1. Ittri ta’ Apoloġija

Il-President informa li s-Sindku Gabriel Micallef u l-Kunsillier Aiken Zerafa huma skużati, filwaqt li l-Kunsillier Mark Deguara qiegħed jattendi il-laqgħa minflok s-Sindku Dot.Christopher Deguara.

## 2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru.28

Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa numru 28 hekk kif miktuba mis-Segretarju Eżekuttiv.

**Punti mill-Minuti**

Ma kien hemm l-ebda Punti mill-minuti Nru.28

Fuq proponiment tas-Sindku Paul Vella, issekondat mis-sindku Perit. Ċensu Galea, kien hemm qbil unanimu u l-minuti ġew approvati hekk kif preżentati.

## 3. Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President

### 3.1 Attendenza tal-membri Reġjonali fis-sena 2026

Il-President fakkar li, kif mitlub mil-liġi, l-obbligu tal-membri huwa li jinformaw dwar l-assenza tagħhom mil-laqgħat tar-Regjun permezz ta' imejl uffiċjali, bit-talba li jiġu skużati mil-laqgħa. Dan sabiex jiġu preżentati waqt il-ftuħ tal-laqgħa, jinżamm rekord kif ukoll attendenza trasparenti w uffiċjali.

### 3.2 Aġġornament - Clean Up - fl-inħawi tal-parkeġġ ta' Għajn Tuffieħa

Il-President informa li l-*Clean Up* imsemmija fil-laqgħa numru 28, punt 3.5, kellha tiġi posposta mill-10 ta' Jannar minħabba l-maltemp, u se ssir fl-24 ta' Jannar 2026 fl-10.00 ta' filgħodu fl-inħawi tal-parkeġġ ta' Għajn Tuffieħa. Ġiet ukoll ikkonfermata l-attendenza tal-mascot *Xummiemu* kif ukoll l-assistenza tad-*Cleaning and Maintenance Division* waqt din il-*Clean Up*.

Filwaqt li ġie espress ringrazzjament lill-Kunsill Lokali tal-Imġarr talli offra l-għajnuna tiegħu fir-rigward tal-permessi u *No Parking* signs meħtieġa, il-President ħeġġeġ lill-kumplament tal-membri sabiex jinformaw lill-komunitajiet tagħhom u jaqsmu fuq is-*social media* il-poster tal-*Clean Up*, sabiex tinkiseb attendenza tajba.

### 3.3 Aġġornament - APS Community Outreach - Scam Awareness Talk

Il-membri ġew imfakkra li se ssir sessjoni għall-membri eletti kif ukoll għall-istaff tal-Kunsilli Lokali li jkunu interessati jattendu. Din se ssir nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Jannar, fit-3:00 ta' wara nofsinhar fl-uffiċju amministrattiv tar-Reġjun. Intbagħtet l-istedina għar-reġistrazzjoni.

Il-membri ġew imħeġġa jattendu u jfakkru lill-membri eletti kif ukoll lill-istaff.

### 3.4 Ċertifikazzjoni ta' Dokumenti ta' Identità – APS Bank

B'referenza għall-laqgħa numru 28, punt 3.4, il-President informa li wara li nġabru l-kopji bil-kulur ta' kull Sindku fir-Reġjun, dawn qed jiġu ċċertifikati llum bħala *vera kopja* mill-Viċi President, Dr Angelo Micallef, li għal dan ġie ringrazzjat. Dawn il-vera kopji se jiġu sottomessi lill-APS Bank sabiex jitkompla l-proċess biex jinfetaħ *fixed term deposit account*,

kif ukoll biex jiġu diskussi l-ħtiġijiet bankarji tar-Reġjun u l-bank fees relatati.

**3.5 Aġġornament – Il-ktieb The Colourful North u stampar ta' Bollol tar-Reġjun**

Il-President informa lill-membri li, aktar 'il quddiem f'Frar, ser jitnieda l-ktieb flimkien mal-pubblikazzjoni tal-Bollol tar-Reġjun. Wara diskussjoni qasira, ġiet proposta li dan l-avveniment isir separat mill-Laqgħa Ġenerali Annwali, u kien hemm qbil dwar dan. Id-data ser tiġi kkomunikata aktar 'il quddiem hekk kif jibdew il-preparamenti.

**3.6 Proposta - Health Promotion and disease prevention - Weight Management Programme and Walking Activities**

Il-President informa lill-membri li r-Reġjun Tramuntana rċieva komunikazzjoni mingħand il-Health Promotion and Disease Prevention Directorate dwar il-Weight Management Programme "Piż Tajjeb Tul Ħajtek", kif ukoll dwar *Walking Groups* . Il-President spjega li dan il-programm huwa inizjattiva ta' tmien ġimgħat li tinkludi żewġ sessjonijiet fil-ġimgħa: sessjoni ta' siegħa u nofs dwar in-nutrizzjoni u sessjoni ta' siegħa ta' attività fiżika. Dawn is-sessjonijiet, li jistgħu jsiru online jew fiżikament, jagħtu lill-parteċipanti l-opportunità li jistaqsu mistoqsijiet u jirċievu gwida biex jadottaw stil ta' ħajja aktar b'saħħtu.

Il-President żied jgħid li hemm diversi residenti mir-Reġjun Tramuntana li diġà wrew interess li jattendu s-sessjonijiet fiżikament. Għaldaqstant, ġiet mitluba l-kollaborazzjoni tal-kunsilli lokali sabiex jiġu identifikati u kkomunikati lill-Reġjun spazji jew swali xierqa li jistgħu jintużaw għal dawn l-attivitajiet.

Ir-Reġjun ser jibgħat email bil-proċedura ta' reġistrazzjoni, u l-membri ġew mitluba jirreġistraw u jinformaw lir-Reġjun dwar kwalunkwe post adattat u disponibbli fil-lokalità tagħhom fejn jistgħu jsiru dawn il-programmi.

**3.7 Operational challenges in Bulky Waste Collection and Booking Protocols**

Tul dan ix-xahar is-Segretarju Eżekuttiv bagħat talba għal informazzjoni dwar is-sistemi li jintużaw biex jittieħdu appuntamenti online għall-bulky refuse. Kien għad fadal xi tweġibiet mill-Kunsill ta' Mġarr u minn dak tan-Naxxar. L-informazzjoni min-naħa tal-Mġarr ingħatat dak il-ħin

mal-mejda, filwaqt li l-informazzjoni min-naħa tan-Naxxar ingħatat mis-Sindku permezz ta' telefonata ftit jiem wara l-laqgħa. B'hekk issa l-informazzjoni kollha nġabret.

**3.8 Aġġornament – CCTV's**

Il-President informa li r-Reġjun għadu jistenna l-informazzjoni rikjesta minn għand xi wħud mill-Kunsill rispettivi.

**4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija ulterjuri.

**5 Aġġornamenti u diskussjoni;**

**5.1 Riżenja w Ingaġġ ta' impjegati ġodda**

Il-President informa lill-membri li waħda mill-impjegati li ġiet impjegata mir-Regjun fl-1 ta' Diċembru ressqet ir-riżenja tagħha fit-22 ta' Diċembru 2025 b'terminu immedjat. Il-President ippreżenta t-talba sabiex terġa' tinfetaħ is-sejħa ta' ingagg. Wara diskussjoni bejn il-membri, is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li jinfetħu żewġ pożizzjonijiet għal Skrivana Skala 16.

Matul l-istess diskussjoni ġie wkoll issuġġerit li r-Reġjun għandu jiftaħ sejħa għal applikazzjonijiet għal żewġ pożizzjonijiet ta' Managers: wieħed bħala Manager tal-Kultura, u ieħor bħala Manager responsabbli minn Fondi Nazzjonali u Ewropej (EU/Local Funds and Projects Manager).

Is-Segretarju Eżekuttiv informa wkoll lill-membri li, wara laqgħa li saret mal-accountant fil-bidu tas-sena, ġie kkonfermat li r-Reġjun għandu biżżejjed riżorsi biex ikopri l-ispejjeż relatati ma' dawn l-ingaggi ġodda.

Fuq proponiment tal-Viċi President Dr Angelo Micallef, sekondat mis-Sindku Pawlu Vella, il-membri qablu unanimament.

**5.2 Diskussjoni u approvazzjoni għat-tibdil u x-xiri ta' VRF air-conditioning system għall-uffiċċju, kif ukoll għall-xogħlijiet infrastrutturali relatati.**

Wara diskussjoni bejn il-President, is-Segretarju Eżekuttiv u l-membri preżenti, kien hemm qbil unanimu li x-xiri ta' sistema VRF għall-arja

kkundizzjonata għall-uffiċċju, kif ukoll ix-xogħlijiet infrastrutturali relatati li għandhom isiru, huma materja ta’ urġenza.

Dan aktar u aktar minħabba l-fatt li, minkejja li s-Segretarju Eżekuttiv għamel kull sforz biex isiru tiswijiet tas-sistema eżistenti, fejn saru diversi tentattivi mit-teknici tal-kumpanija li hija l-aġent tas-sistema ma taw l-ebda frott. Tajjeb jiġi nnotat ukoll li diversi laqgħat matul is-sena li għaddiet kellhom jiġu posposti minħabba n-nuqqas ta’ arja kkundizzjonata, li wassal għal diffikultajiet biex isiru. Esperjenzajna wkoll diffikultajiet fil-ħidma ta’ kuljum, speċjalment fit-tribunal, minħabba s-sħana u n-nuqqas ta’ ventilazzjoni.

Fuq proponiment tas-Sindku Stefan Cordina, sekondat mill-Viċi President Dr Angelo Micallef, kien hemm qbil unanimu li dawn ix-xogħlijiet essenzjali għandhom isiru mill-aktar fis.

**5.3 Punti oħra ta’ diskussjoni;**

Il-President propona li jinxtara laptop ġdid għas-Segretarju Eżekuttiv, minħabba li l-laptop eżistenti garrab ħsara u mhux qed jinxtegħel kif suppost. Fuq proponiment tal-Viċi President Dr Angelo Micallef, sekondat mis-Sindku Stefan Cordina, il-membri kollha qablu unanimament.

**6. Preżentazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għar-Raba’ kwart tas-Sena 2025**

Wara diskussjoni fit-tul li saret bejn il-membri kollha mal-mejda, flimkien mal-accountant (online).
Fuq proponiment tal-kunsillier Norbert Dalli, sekondat mis-Sindku Perit Ċensu Galea, ir-rapport finanzjarju għar-Raba’ kwart tas-sena 2025 ġie approvat. Kien hemm qbil unanimu.

**7. Unaudited Financial Statement 2025**

Wara diskussjoni fit-tul li saret bejn il-membri kollha mal-mejda, flimkien mal-accountant (online).
Fuq proponiment tas-Sindku Dale Hayman, sekondat mill-Kunsillier Mark Deguara, ir-rapport ta’ l-Unaudited Financial Statements 2025 ġie approvat. Kien hemm qbil unanimu.

**8. Business Plan 2026-2030(Abbozz) u Budget Annwali għall-2026**

Wara diskussjoni fit-tul li saret bejn il-membri kollha mal-mejda, flimkien mal-accountant (online).
Fuq proponiment tas-Sindku Pawlu Vella, sekondat mill-Kunsillier Norbert Dalli, ir-rapporti tal-Business Plan 2026-2030(Abbozz) u Annual Budget for Year 2026 ġew approvati. Kien hemm qbil unanimu.

**9. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti;**

Il-President ressaq għall-approvazzjoni l-Iskeda ta' Pagamenti Numru 196 għall-perjodu bejn is-6 ta' Diċembru 2025 u l-31 ta' Diċembru 2025 kif ukoll Skeda Numru 197 bejn l-1 ta' Jannar 2026 u l-14 ta' Jannar 2026.

Il-Perit Ċensu Galea staqsa dwar il-motiv tal-pagament Nr. 23 fi Skeda Nr. 196. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dan il-pagament huwa relatat mal-avveniment li sar fil-Mosta f'Ħamis ix-Xirka fis-sena 2024. Huwa informa wkoll li għad fadal invoice oħra, iżda din għadha ma ntbagħtitx lir-Reġjun.

Is-Segretarju Eżekuttiv żied jgħid li l-pagamenti Nr. 25 u 26 fi Skeda Nr. 196 ittellgħu għall-approvazzjoni, iżda dawn se jiġu mħallsa ladarba jiġu pprovduti d-dokumenti rikjesti.

L-iskedi msemmija ġew approvati fuq proposta tal-Viċi President Dot. Angelo Micallef, issekondata mis-Sindku Stefan Cordina, bi qbil unanimu mill-kumplament tal-membri.

**10. Aġġornament**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-19.00 ta' filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Erbgħa 18 ta' Frar 2026 fil-17.30, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv ta' Reġjun Tramuntana.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Clifford Galea | Bjorn Bonello |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati illum l-Erbgħa 18 ta' Frar 2026